REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1468

tal-11 ta' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2011 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Bożnija-Ħerzegovina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 ([2]) ("id-Deċiżjoni") il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ("il-Protokoll") għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Frar 2017, skont din id-Deċiżjoni ([3]).

(2) Fl-Artikolu 3, il-Protokoll jistipula li l-konċessjonijiet tal-Unjoni għal ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Bożnija-Ħerżegovina għandhom jingħataw skont l-Anness II tal-Protokoll. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-volumi tal-kwoti tariffarji għat-trota, għall-karpjun u għall-inċova jiżdiedu b'440, b'10 u b'20 tunnellati, rispettivament.

(3) Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu applikati bis-sħiħ għas-sena 2017, kif stipulat fl-Anness II tal-Protokoll.

(4) Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness II tal-Protokoll jenħtieġ li jiġu ġestiti mill-Kummissjoni abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([4]).

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 354/2011 ([5]) jiġi emendat skont dan.

(6) Sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-kwoti skont il-Protokoll, tiġi applikata u ġestita mingħajr intoppi, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data bħal dik tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

(7) I-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 354/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 (*).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)."

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 12, 17.1.2017, p. 1).

([3]) ĠU L 12, 17.1.2017, p. 22.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2011 tat-12 ta' April 2011 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċertu ħut u ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Bożnija-Ħerzegovina (ĠU L 98, 13.4.2011, p. 1).

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS

Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem li jiddeskrivu l-prodotti għandhom jitqiesu li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, minħabba li l-iskema preferenzjali fil-kuntest ta' dan l-Anness, hija ddeterminata mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn huma indikati exkodiċijiet tan-NM, l-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM flimkien mad-deskrizzjoni li tikkorrispondi miegħu.

ĦUT U PRODOTTI TAS-SAJD

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjonijiet TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-Kwota Tariffarja Annwali (f'piż nett ta' tunnellati)	Rata ta' dazju tal-kwota
09.1594	0301 91 0302 11 0303 14 0304 42 0304 52 00 0304 82 0304 99 21 0305 10 00 0305 39 90 0305 43 00 0305 59 85 0305 69 80	 10 11, 12, 20 10 10 61 61	Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* and *Oncorhynchus chrysogaster*): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	500	B'xejn
09.1595	0301 93 00 0302 73 00 0303 25 00 0304 39 00 0304 51 00 0304 69 00 0304 93 90 0305 10 00 0305 31 00 0305 44 90 0305 52 00 0305 64 00	 20 10 20 10 20 10 10 10 10	Karpjun komuni (*Cyprinus* spp., *Carassius* spp., *Ctenopharyngodon idellus, Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus, Catla catla, Labeo* spp., *Osteochilus hasselti, Leptobarbus hoeveni, Megalobrama* spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	140	B'xejn
09.1596	0301 99 85 0302 85 10 0303 89 50 0304 49 90 0304 59 90 0304 89 90 0304 99 99	80 60 40 30 20	Pagru (*Dentex dentex* u *Pagellus* spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	30	B'xejn

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjonijiet TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-Kwota Tariffarja Annwali (f'piż nett ta' tunnellati)	Rata ta' dazju tal-kwota
	0305 10 00	30			
	0305 39 90	70			
	0305 49 80	40			
	0305 59 85	65			
	0305 69 80	65			
09.1597	0301 99 85	22	Spnott (*Dicentrarchus labrax*): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, ħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	30	B'xejn
	0302 84 10				
	0303 84 10				
	0304 49 90	70			
	0304 59 90	45			
	0304 89 90	40			
	0304 99 99	70			
	0305 10 00	40			
	0305 39 90	80			
	0305 49 80	50			
	0305 59 85	67			
	0305 69 80	67			
09.1598	1604 13 11		Sardin ippreparat jew ippreservat	50	6 %
	1604 13 19				
	1604 20 50	10, 19			
09.1599	1604 16 00		Inċova ppreparata jew ippreservata	70	12,5 %"
	1604 20 40				